MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1722/2004/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Grima Communications Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Settembru 2004 fejn is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallasha s-somma ta tmien mija u sbatax-il lira tnejn u sittin centezmu (LM817.62) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma diversi servizzi telefonici li jgibu n-numri 239921, 249150, 250369

u 251226 installati fil-fond numru 70 Capuchins street, Floriana u 76 St Paul’s street,Valletta u dana kif jirrizulta minn dokumenit u prospetti annessi mal-istess avviz markati minn Dok A sa Dok G;

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra s-socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 4 ta Frar 2005 fejn ikkontestat it-talba ghal hlas stante l-preskrizzjoni tal-hames snin u fi kwalunkwe kaz ebda ammont ma kienu minnha dovut. Permezz ta nota datata 28 ta Gunju 2005 is-socjeta konvenuta specifikat l-artikolu tal-ligi dwar preskrizzjoni huwa dak kontemplat fl-artikolu 2156 (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Ra l-provi prodotti kollha nkluz id-dokumenti esbiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami ghandna sitwazzjoni fejn kreditur qed jallega kreditu kontra d-debitur tieghu filwaqt li l-allegat debitur qed jikkontesta l-istess fis-sens li ebda ammont ma kien dovut u li se mai l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-ligi.

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari t-Tribunal josserva s-segwenti:-

1. L-azzjoni odjerna giet intavolata fid-9 ta Settembru 2004.
2. Is-socjeta konvenuta tat ir-risposta taghha fl-4 ta Frar 2005 in segwitu ta procedura ta notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni f’Jannar 2005.
3. Fid-dokument esebit a fol 29 tal-process, jidher li s-sur Grima espressa ruhu fis-sens li kien dispost anzi nkarika ruhu li jhallas kwalunkwe

bilanc li kien talvolta dovut ghal perjodu qabel Jannar 1999 (a fol 31) u liema dikjarazzjoni tista tittiehed bhala sserva ta nterruzzjoni ta kwalunkwe perjodu preskrittiv li setgha ddekorra fuq l-azzjoni odjerna;

4. Id-dokument esebit a fol 30 tal-process jindika d-dettalji tal-kontijiet dovuta. Ta min jinnota li l-akbar somma hija dik dovuta fuq il-kont numru 10054169 ghal perjodu bejn Ottubru 1994 u Dicembru 1999 (a fol 34) u li fuq dan il-kont jidher li dan kien gie akkreditat f'Marzu u Settembru 2000 u li kwindi serva bhala interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv

5. Skond ix-xhieda u d-dokument esebit minn Claudette Fenech ghal MFSA Dok CF1 jirrizulta li Joe Grima kien ittrasferixxa l-ishma tieghu fi hdan is-socjeta konvenuta f'Dicembru tas-sena 2005 u li kien irrizenja minn direttur taghha f'Novembru 2003.

6. Illi dwar l-allegat pagament li serva biex interrompa l-perjodu preskrittiv, is-socjeta konvenuta bdiet tallega li kien jinkombi fuq is-socjeta attrici li ggib prova skjetta dwar dan billi tipproduci l-ircevuta relattiva. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li se mai l-ircevuta ta pagament tkun f'idejn is-socjeta konvenuta stess u fit-tieni lok la darba s-socjeta attrici gabet prova dokumentarja ta hlas jew ta kont ikkreditat kien jispetta lis-socjeta konvenuta li ggib prova kuntrarja dwar dan, haga li s-socjeta konvenuta naqset ghal kollox li taghmel.

Ghal dawn il-mottivi ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta jilqa t-talbiet attrici billi jiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont mitlub ta Lm817.62 u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma mitluba ta tmien mija u sbatax il-lira tnejn u sittin centezmu (Lm817.62) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-

> sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.”

Is-socjeta` konvenuta tressaq sensiela ta' aggravji fil-kontestazzjoni taghha tas-sentenza riprodotta:

(1) It-Tribunal zbalja meta ppretenda li hija kellha l-oneru li ggib il-prova li ghamlet il-pagament akkont li permezz tieghu giet interrotta l-preskrizzjoni kwinkwennali opposta minnha;

(2) Ma ngiebetx l-ahjar prova li tissodisfa l-hlas akkreditat jew dik li ssostni t-talba tas-socjeta` attrici;

(3) La r-rapprezentant taghha innega li ghamel il-pagament akkont kellu jigi applikat il-principju *in dubio pars mitior est sequenda*;

(4) Il-preskrizzjoni tigi interrotta bl-accettazzjoni ta' l-ezistenza tad-dejn mid-debitur u jekk allura s-Sur Grima esprima ruhu fis-sens li jinghad fis-sentenza, meta hu ma kienx ghadu involut fil-kumpanija, legalment ma jistax jinghad li l-preskrizzjoni giet interrotta minnha;

Fermi dawn l-aggravji, jinghad bi preliminari illi skond id-dottrina legali l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni trid tigi mill-kreditur proposta, u provata wkoll, b' mod car, dirett u inekwivoku. Dan hu hekk logiku-guridiku in kwantu l-prova ta' dik l-interruzzjoni ggib maghha l-annullament tal-perijodu preskrittiv li jkun miexi u l-bidu ta' terminu preskrittiv gdid. Ara Artikolu 2136 Kodici Civili. Jikkonsegwi illi ghal skop ta' interruzzjoni s-semplici produzzjoni ta' dokumenti, ukoll jekk idoneji, ma tistax ghalhekk biss ikollha effett ostatattiv ta' l-operativita` tal-preskrizzjoni. Biex dawn id-dokumenti jkollhom l-effett pretiz irid jirrizulta minnhom xi forma ta' rikonoxximent tal-kreditu minn fost dawk il-kawzi interruttivi prevvisti espressament mill-Kodici Civili. Tali kawzi, imbaghad, dejjem skond l-istess dottrina legali jridu jikkonfiguraw fir-rekwiziti, ko-ezistenti fl-istess att, tal-volontarjeta`, tal-

konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Ara sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Frar 2005 in re: "**Austin Psaila -vs- Lother Slabick**";

Dan premess, kien certament jirrientra fil-poter diskrezzjonali tat-Tribunal, adit biex jezamina l-mertu, illi jaccerta ruhu dwar l-ezistenza, o meno, ta' dawk ir-rekwiziti. Apparentement mill-korp tas-sentenza dan l-accertament jidher li sar, izda, b' danakollu, is-socjeta` appellanti hi tal-fehma illi tali accertament hu nieqes minn apprezzament korrett tal-punti ta' fatt u ta' dritt u, konsegwentement tissottometti li dak l-istess apprezzament tat-Tribunal minnha impunjat ghandu jigi sostitwit minn din il-Qorti;

Qabel stharrig ta' din l-impunjattiva tas-sentenza kif sottomessa lilha, jokkorri li jigi registrat, ghal dak li jinteressa l-qalba tal-kwestjoni, illi l-Kodici Civili jikkontempla, *inter alia,* zewg kawzi ta' interruzzjoni, u cjoe (i) ir-rikonoxximent tad-debitu (Artikolu 2133) u (ii) il-hlas akkont (Artikolu 2134). Hu allura fil-kompitu tal-Qorti li tirricerka mill-fatti kif provati jekk tezistix il-kawza wahda jew l-ohra, jew it-tnejn flimkien;

Jirrizulta mill-atti illi s-socjeta` appellata kreditrici tikkampa d-dritt kreditorju taghha fuq zewg istanzi. Ta' l-ewwel fuq il-hlasijiet akkont li tghid li sarulha f' Marzu u Settembru 2000 (ara dokument a fol. 35); tat-tieni, fuq il-weghda tal-hlas maghmula minn Joe Grima fit-22 ta' Jannar 2005 (vide dokument a fol. 29). Bla dubju, id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2134 ghandha r-*ratio* taghha fil-fatt illi l-pagament parzjali jippresupponi l-ezistenza tal-kreditu u dan hu inkompatibbli mal-volonta` li tigi diskonoxxuta l-pretensjoni tal-kreditur. Fil-kaz ta' l-Artikolu 2133 ir-rikonoxximent hu maghdud bhala konfessjoni tad-debitu meta dan jestrinsika ruhu minn xi dikjarazzjoni esplicita jew minn kull fatt iehor li ghandu fih l-ingredjenti ta' l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-debitu;

Issa s-socjeta` appellanti qeghda tippretendi illi ma ngabetx l-ahjar prova tal-hlas li allegatament sar akkont, kemm ghaliex is-socjeta` appellata naqset li ggib prova permezz tal-kopja tar-ricevuta li suppost kellha ta' dan il-hlas, kif ukoll ghaliex dak dikjarat fl-i*statement* esebit kien negat minnha u wkoll, fiz-zmien ta' l-allegat hlas, hi ma kienetx qed topera. Bir-rispett dovut din il-Qorti ma taqbel ma' l-ebda wahda minn dawn is-sottomissjonijiet. Ibda biex d-dikjarazzjoni li jaghmel l-i*statement*, bi, jew minghajr, ir-ricevuta ghandha valur probatorju ta' attestazzjoni mis-socjeta` appellata li rceviet dak il-hlas. Fatt dan li l-Qorti tqisu certament sfavorevoli ghad-dikjarant. Ifisser ukoll illi d-dimostrazzjoni xort' ohra tan-non-veridicita` tad-dikjarazzjoni kienet taggrava fuq is-socjeta` appellanti in kwantu kienet hi li qed tikkontesta l-verita tal-fatt ta' dak il-hlas akkont. Dan, is-socjeta` appellanti baqghet ma ghamlitux, u mhux mistenni li l-Qorti, jew it-Tribunal qabilha, ikollhom ghalfejn jissuspettaw illi dik id-dikjarazzjoni konfessata fl-i*statement* saret bl-iskop li tigi aggirata l-preskrizzjoni opposta. Skond id-duttrina procedurali kull tribunal ghandu jiddeciedi *iuxta alligata et probata* fuq ic-cirkustanzi ta' fatt ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u mill-provi offerti mill-partijiet ghall-ezami tieghu. Jigi allura illi jekk is-socjeta` appellanti ma gharfetx tikkontrabatti l-prova tad-dikjarazzjoni tal-pagament akkont maghmula mis-socjeta` appellata ma ghandhiex tippretendi imbaghad li tiddenunzja l-vizzju tas-sentenza bl-argorment li ma ngiebetx l-ahjar prova. Sewwa gie ritenut illi l-Artikolu 559 tal-Kodici ritwali kien, iva, ifisser li l-Qorti ma kellhiex taccetta provi li ma kienux l-ahjar prova imma mhux ukoll li kien hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci hi stess il-provi tal-partijiet. Ara "**Kristinu Grech -vs- Anthony Bartolo**", Appell, 29 ta' Mejju 1998;

Akkoppjat ma' dik id-dikjarazzjoni hemm imbaghad il-fatt tal-promessa maghmula tal-pagament. Huwa veru li mill-korrispondenza in atti jinghad ukoll minn Joe Grima illi hu ried il-prova tad-dokumenti ghax dawk l-ohra tieghu kienu

gew distrutti f' incendju, imma kif drabi ohra ritenut, "min jiddikjara li ma jafx bl-ezistenza tad-dejn li jintalab kontra tieghu, imma fl-istess hin jghid illi jekk issir il-prova relattiva, huwa jhallas, jigi li jinterrompi l-preskrizzjoni, jew jirrinunzja ghaliha". (**Kollez. Vol. XLV P II p 632** u **Vol. XXXVI P I p 641**);

Is-socjeta` appellanti tittanta ttaffi l-portata tal-weghda tal-hlas hekk maghmula billi tivvanza l-proposizzjoni illi b' dak li nghad fl-*e-mail* mis-Sur Grima ma setax jorbot lill-kumpanija. Issa apparti l-fatt li minn dak li jinghad mix-xhud Claudette Fenech (fol. 44) l-imsemmi Joe Grima spicca minn azzjonista fit-23 ta' Dicembru 2005, jidher li, ghalkemm temm il-kariga ta' direttur fl-2003, hu baqa' jinvolvi ruhu sew fl-affari tal-kumpanija. Kumpanija din li kienet ukoll *subscriber* tas-servizzi telefonici indikati fl-Avviz u allura responsabbli ghal kontijiet taghhom. Hu zgur imbaghad illi x' kienet, jew ma kienetx, ir-relazzjoni interna bejn is-Sur Grima u s-socjeta` appellanti, ghas-socjeta` appellata din ma setghetx hlief titqies *res inter alios acta*;

Mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha izzejjed aktar milli mehtieg. Dan ghaliex mill-konsiderazzjonijiet maghmula u mill-ezami tar-rizultanzi istruttorji hi sodisfatta illi z-zewg kawzi analizzati jintegraw l-estremi ta' l-att idoneju ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------